# KUNSILL LOKALI IL-QRENDI

**7, Triq il-Knisja, Il-Qrendi**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**LAQGĦA NUMRU 25**

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju, 2026, fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

David Michael Schembri – Sindku

Anthea Sacco – Viċi Sindku

Karmenu Farrugia – Kunsilier

Marion Parnis – Kunsillier

Nina Skye Briffa – Kunsillier

**ASSENTI SKUŻAT:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Rachel Aquilina – Segretarju Eżekuttiv

**25.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

25.01.01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Marion Parnis kienet ser tasal tard. Hi daħlet għal-laqgħa fis-6pm. Il-membri l-oħra kienu kollha preżenti.

**25.02** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta numru erbgħa u għoxrin (24)**

25.02.01 Il-minuti tas-seduta numru 24, li kienu mibgħuta mal-Aġenda, ġew meqjusa bħala moqrija u proposti bħala korretti minn Anthea Sacco, issekondati minn Nina Skye Briffa.

Il-minuti tal-laqgħa 24 ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25.03** **Festival tal-Patata**

25.03.01 Anthea Sacco qalet li saret laqgħa f'Il-Maqluba fejn preżenti kien hemm hi, Karmenu Farrugia, l-organizer Aaron Pace kif ukoll tal-każini.

Qalet ukoll li ser isir it-tberik tal-annimali u li kienet ser tintalab donazzjoni ta' Eur5 minn kull parteċipant li wara ser jingħataw lil 'Our Rescues'. Ser ikun hemm ukoll żona għat-tfal kif ukoll 'Fire Truck Show' fost ħafna oħrajn.

Anthea Sacco qalet ukoll li ġiet mistiedna fuq programm tat-TVAM u talbuha biex tistieden lil Skutu tal-ġelat biex imur ukoll.

Marion Parnis qalet li ta' 'Our Rescues' xtaqu li jarmaw stall u talbu jekk jistgħux ibiegħu ktieb tal-klieb u qtates. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni. Qalet ukoll li t-tberik tal-annimali kien ser isir minn Fr. Nicholas Dimech.

**25.04** **Approvazzjoni tal-Quarterly Financial Report Jannar – Marzu 2026**

25.04.01 Il-Quarterly Financial Report minn Jannar sa Marzu 2026, li kien mibgħut mal-Aġenda, ġie meqjus bħala moqri u propost bħala korrett minn Anthea Sacco, issekondat minn Karmenu Farrugia.

Wara li ntalbu xi kjarifiki, dan ir-rapport ġie approvat unanimament u iffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25.05 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.05.01 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tressaq korrispondenza għal għajnuna finanzjarja li konna rċivejna mingħand il-Konfraternita' tal-Beata Verġni Immakulata ta' Lourdes – Qrendi, sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont ta' Eur1,000 għal servizz ta' sound madwar it-toroq tal-Qrendi għall-purċissjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Lourdes.

Fuq proposta ta' Anthea Sacco, issekondata minn Karmenu Farrugia, il-Kunsill qabel li nħallsu għal dan is-servizz kif ukoll li dan l-istess ammont jingħata lil ta' Santa Marija meta jkollna t-talba.

25.05.02 Fuq talba tas-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mill-Parroċċa Santa Marija – Qrendi dwar għajnuna finanzjarja għal attivita' u pubblikazzjoni ta' ktejjeb fl-okkażżjoni tal-inawgurazzjoni ta' qniepen ġodda li ser issir nhar il-Ħamis, 4 ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel li nisponsarjaw parti minn dawn l-ispejjeż sa massimu ta' Eur2,000.

25.05.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ukoll appell minn UTV dwar ħlas ta' kontribuzzjoni ta' Eur100 għal xandiriet tal-festa fuq ir-radju. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw u nikkonfermaw jekk dan l-ammont kienx jinkludi ż-żewġ festi.

25.05.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-applikazzjoni għal Skema SPI/SCI/03/2026 Finanzjament – Attivitajiet Milied 2026, mingħand id-Direttorat tal-Gvern Lokali. Din l-iskema se tkun qed tiffinanzja 85% ta' din l-attivita' sa massimu ta' Eur15,000 u l-Kunsill huwa obbligat li joħroġ id-differenza ta' 15%.

Ġie deċiż li din l-attivita' tissemma 'Villaġġ tal-Milied fil-Qrendi' u ssir nhar is-Sibt, 5 ta' Diċembru, 2026, fi Triq Rokku Buhagiar.

Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal Skema SPI/SCI/03/2026 u li l-Kunsill ser ikun qed iħallas il-kumplament tal-ispiża li mhux se tkun koperta minn dan il-finanzjament.

25.05.05 Is-Sindku qal li konna rċivejna mingħand Project Green dwar il-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Kmand mit-Tnejn sal-Ħadd kif ukoll il-manutenzjoni tal-Ġnien. Huma kienu qed jipproponu li kienu ser ikopru sa Eur20,000 fis-sena u li l-Kunsill kellu jieħu ħsieb il-procurement.

Is-Sindku ssuġġerixxa li nqabbdu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex jinfetaħ u jingħalaq dan il-Ġnien u li nsibu kumpanija li tkun tista' tieħu ħsieb il-manutenzjoni.

Karmenu Farrugia staqsa jekk setgħax jinfetaħ għall-pubbliku. Is-Sindku wieġeb li kien għad irid jitlesta' xi xogħol ta' ġewwa u li ċ-ċangaturi kienu perikolużi. Hu qal ukoll li kien għadu qiegħed jistenna risposta minn Din l-Art Ħelwa u Project Green.

Is-Sindku qal ukoll li Project Green kienu offrew li jħallsu għal CCTVs li kellhom jiġu nstallati fil-Ġnien li kienu jammontaw madwar Eur5,000.

Ġie deċiż li għandna nibdew il-proċeduri biex jinħareġ tender għall-ftuħ u l-għeluq tal-Ġnien kif ukoll għal manutenzjoni ta' Ġnien tal-Kmand.

25.05.06 Is-Sindku semma' li d-data tal-programm ta' 'Bonġu Malta' kellha tinbidel u ġie organizzat fi ftit jiem. Hu qal li kien suċċess u li ħa gost bil-parteċipazzjoni li taw iż-żewġ għaqdiet. Is-Sindku qal li dan kien suċċess u li rawh ħafna telespettaturi.

25.05.07 Is-Sindku qal li l-ħsara li kien hemm fil-bandli tal-Ġnien tal-Warda kienet issewwiet u ssuġġerixxa li, minħabba l-vandaliżmu li kien qed isir, jiġu installati CCTVs, tnejn fuq il-playground u waħda fuq il-vaska. Hu qal ukoll li ma setgħux isiru iktar minħabba l-kurrent tad-dawl u s-siġar.

25.05.08 Is-Sindku qal li l-MTA kienu approvaw li jinbidlu u jħallsu għaż-żewġ planters li hemm mkissra quddiem il-kappella ta' San Mattew f'Tal-Maqluba u li kienu ser isiru bħal dawk li hemm f'Tas-Salvatur. Hu qal li dawn kienu ġew ordnati minn Agius Stone u li konna ser inħallsuh aħna u mbagħad nitolbu r-rimbors lill-MTA.

25.05.09 Is-Sindku semma' l-iskema dwar 'Best Rural Village'. Hu qal li, peress li l-applikazzjoni kienet ikkumplikata u li d-data tal-għeluq kienet fil-qrib, kien talab l-intervent tal-MTA.

25.05.10 Is-Sindku semma' l-ħsieb li jsir ktejjeb bil-cartoons dwar il-Leġġenda tal-Maqluba għat-tfal ta' bejn it-8 u 12-il sena u li konna qed nippruvaw li jiġi sponsorjat mir-Reġjun bħala parti minn skema ta' sena oħra. Qal ukoll li kien tkellem ma' persuna rigward pubblikazzjoni ta' ktieb dwar is-siġar u li dan kien offra li jsir bla ħlas.

25.05.11 Rigward it-turnament tal-boċċi li kien qed jorganizza r-Reġjun, is-Sindku talab lil Karmenu Farrugia biex jagħmel kuntatt ma' Dario Borg biex ikun jista' jiġi organizzat tal-Qrendi.

25.05.12 Dwar is-survey tal-proġett Eloge, is-Sindku talab lill-kunsilliera biex dan jiġi imwieġeb mill-aktar fis.

25.05.13 Is-Sindku semma' ittra dwar il-kollaborazzjoni li kienet ser issir bejn il-Kunsill u l-Ukrajna.

25.05.14 Rigward id-delegazzjoni mill-Kroazja, is-Sindku qal li kienu kkonfermaw li ser ikunu erba' persuni u li kien ser isir komunikat rigward il-programm li ser jiġi organizzat. Karmenu Farrugia ssuġġerixxa li jkollhom mejda riservata waqt il-Festival Agrarju tal-Patata.

25.05.15 Rigward ix-xogħlijiet fi Triq Gregorio Mifsud u l-madwar, is-Sindku qal li kien hemm diversi lmenti mir-residenti u l-kuntrattur ġie mwaqqaf mill-gwardjani lokali u l-pulizija. Hu qal ukoll li konna kellimna lill-kuntrattur biex kemm jista' jkun ma jinħoloqx iktar disgwit mar-residenti.

Is-Sindku qal li kien ġie nfurmat mill-Perit li x-xogħol ta' asfaltar ser jitlesta' dik il-ġimgħa u kull ma jkun jonqos il-wiring għaż-żewġ fanali. Hu qal ukoll li parti minn Triq Dun Nerik Mahoney mhux ser isir issa għax hemm disgwit bejn is-surveyors minħabba il-qlib tal-ilma.

Marion Parnis qalet li għandhom jitwaħħlu tabelli ta' 'no parking' fl-inħawi ta' fejn ikun qed isir ix-xogħol u mhux mat-triq kollha u li dawn joħorġu mit-8.30am 'l quddiem.

**25.06 Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

25.06.01 Rigward il-Festival Agrarju tal-Patata, Anthea Sacco fakkret biex jinħarġu ċertifikati ta' parteċipazzjoni u tokens għat-tfal tal-Iskola Primarja li għamlu tpinġija biex jiġu esebiti waqt il-Festival.

25.06.02 Anthea Sacco qalet li kienet bagħtet il-magazin għand il-'proof reader' biex imbagħad ngħadduh lill-istampatur u jitqassam.

25.06.03 Anthea Sacco qalet li hemm bżonn bozza fi Triq Ħas-Sejjieħ il-parti li tkompli mad-Dar tal-Ħares. Is-Sindku qal li għandna bżonn ritratt pero' problema li ssir għax m'hemmx linji għaddejjin.

25.06.04 Anthea Sacco ressqet ilment ta' residenti minn Triq Dun Santu Agius għax ma jistgħux joħorġu mill-garaxx. Is-Sindku qal li ma setgħux isiru linji għax it-triq għada mhux iffurmata u mhux asfaltata. Hu ssuġġerixxa li għandhom jibgħatu t-talba tagħhom biex inkunu nistgħu ngħadduha lil IM.

25.06.05 Anthea Sacco ressqet ilment rigward l-aħħar parti tac-central strip ta' Triq it-Tempesta peress li sid ta' garaxx ma setax joħroġ bid-dgħajsa. Is-Sindku qal li fil-leġislatura l-oħra kienu tkellmu ma' Infrastructure Malta u kienu ġew infurmati li din ma setgħetx tinfetaħ għar-raġuni li l-garaxx irid ikun awtorizzat li jintuża għal użu ta' *big vehicles* kif ukoll li dan joħloq periklu fi Triq it-Tempesta. Hu qal ukoll li anke' kien hemm kawża l-Qorti kontra l-IM li kienet intilfet.

Ġie deċiż li tintbagħat it-talba mir-resident flimkien mar-ritratti biex il-Kunsill ikun jista' jgħaddiha lil Infrastructure Malta.

25.06.06 Marion Parnis semmiet planter imkissra fi Triq Ħaġar Qim. Is-Sindku qal li kien hemm aċċident u ser jara kif tista' titneħħa.

25.06.07 Marion Parnis semmiet it-tabelli ta' informazzjoni tal-MTA li hemm fi Triq Ħaġar Qim biex jinbidlu. Is-Sindku qal li kien jaf bihom u ser jitranġaw.

25.06.08 Marion Parnis qalet li kellha talba minn cat feeder biex isir 'sleeping police' fi Triq San Bernardetta għax qed jittajru ħafna qtates. Is-Sindku qal li għandu jintalab il-permess mir-residenti kif ukoll jintbagħat ritratt ta' fejn qed issir it-talba.

25.06.09 Marion Parnis talbet biex isiru sinjali li juru li hemm kolonja ta' qtates għax qed jittajru ħafna qtates. Hi qalet li ser tara l-postijiet fejn dawn għandhom isiru. Il-Kunsill qabel.

25.06.10 Marion Parnis semmiet barriera fi Triq San Nikola li qed tintuża biex jintefa ż-żibel fiha. Is-Sindku qal li din kienet privata u li aktarx ser tinfetaħ mat-triq.

25.06.11 Rigward il-Kunsill tat-Tfal, Nina Skye Briffa qalet li apprezzaw li ser ikunu nklużi fil-magazin tal-Kunsill. Hi qalet ukoll li xtaqu jressqu xi lmenti u suġġerimenti lill-Kunsill.

Ilment minnhom kien li qed ikun hemm il-ħmieġ fil-bandli. Is-Sindku qal li mhux ħmieġ imma ħmieġ tal-klieb għax qed ikun hemm min jidħol iħammeġ u ma jiġbrux.

Qalulha wkoll li jixtiequ li jorganizzaw *clean up* fil-Qrendi biex ikunu ta' għajnuna għall-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li din issir f'Settembru.

Il-Kunsill tat-Tfal talbu wkoll biex jintbagħat invit biex iktar tfal ikunu mħeġġa jsiru membri. Ġie ssuġġeriet li dan ikun inkluż fil-magazin.

Huma xtaqu wkoll li jorganizzaw bejgħ ta' toys u ħwejjeġ użati u l-flus li jinġabru jmorru għat-tfal fil-bżonn tal-Qrendi jew donazzjoni. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

Nina Skye Briffa qalet li bħala tfal huma qalu li hawn xogħol ta' bini eċċessiv u li hawn ħafna djar abbandunati li jistgħu jinbiegħu u biex ma jinħarġux ħafna permessi għall-użu ta' makkinarju biex jitnaqqsu l-inċidenti.

Xtaqu wkoll li jkun hawn iktar spazju fejn ikunu jistgħu jużaw l-iscooters u r-roti.

25.06.12 Nina Skye Briffa staqsiet x'inhi l-proċedura biex triq tiġi pedonali biex tkun iktar sigura għal min jixtieq jimxi. Is-Sindku qal li hemm proċess twil u jrid ikun hemm qbil mir-residenti. Nina Skye Briffa semmiet triq dejqa li hemm qabel tidħol fl-Imqabba. Is-Sindku qal li meta triq tiġi pedonali tkun qed titfa' t-traffiku fi triq oħra.

Nina Skye Briffa qalet li anke' l-Pjazza tal-Ħniena tista' ssir pedonali. Karmenu Farrugia qal li tkun idejali jekk issir meta' jitlesta' l-proġett. Anthea

Sacco issuġġeriet li l-pjazez isiru kollha hekk. Karmenu Farrugia ma qabilx għax qal li toqtol il-kummerċ lil tal-ħwienet u lil tal-każini bħal ma ġara fil-Mosta.

Is-Sindku issuġġerixxa li, qabel ma nieħdu deċiżjoni, għandna nitolbu l-opinjoni tar-residenti.

25.06.13 Karmenu Farrugia qal li kien irċieva lment minn resident fi Triq Santa Katerina dwar problema li kellu biex jidħol ġol-garaxx. Hu jixtieq li s-sinjal l-isfar jittawwal biex ma jipparkjawx mal-ġenb tal-garaxx u b'hekk ikun jista' jdur. Is-Sindku qal li kien ser jiċċekkja.

25.06.14 Karmenu Farrugia semma' l-passaġġ li hemm fejn il-kaxxi tal-qtates fi Triq Ġużeppi D'Arena faċċata ta' 'Xelini'. Hu talab li jsir double yellow line jew Keep Clear biex ma jipparkjawx għax qed jagħlqu l-passaġġ u ma jkunux jistgħu jgħaddu b'*wheelchair* jew *pushchair*. Il-Kunsill qabel li jsir.

25.06.15 Rigward l-applikazzjoni li konna bagħtna lill-Awtorita tal-Artijiet biex naraw fuq artijiet jekk humiex tal-Gvern jew privati, Karmenu Farrugia qal li kien mar jiċċekkja darbtejn pero' għad ma kellniex risposta.

25.06.16 Karmenu Farrugia staqsa dwar il-bus terminus li kien ġie propost fi Triq Ġużeppi D'Arena. Is-Sindku qal li konna rċivejna mingħand Infrastructure Malta u qalulna li kellna nirreferu t-talba tagħna lil Transport Malta. Karmenu Farrugia talab biex nerġgħu nkellmu lil Transport Malta.

25.06.17 Karmenu Farrugia staqsa jekk it-talba tagħna għal ħlas tal-kera tal-Berġa kienx ġie approvat mill-Primary Health Care. Is-Sindku qal li l-kuntratt ġie mibgħut lilhom għall-approvazzjoni però għad m'għandiex risposta.

25.06.18 Karmenu Farrugia staqsa dwar it-tender għat-tkomplija tal-uffiċċju l-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dawn kienu ser jagħlqu l-ġurnata ta' wara.

25.06.19 Karmenu Farrugia staqsa dwar il-frames għal banners li kellhom jitwaħħlu fi Triq it-Tempesta. Is-Sindku qal li dawn ser jitwaħħlu. Karmenu Farrugia talab li dawn jibdew jintużaw mis-soċjetajiet tal-Qrendi u li l-ewwel preferenza għandha dejjem tingħata lill-Kunsill.

25.06.20 Marion Parnis staqsiet dwar il-proposta tagħna għall-iskema tal-ispazzji pubbliċi li jinkludu cat cafe'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li ma konniex irċivejna risposta.

**25.07 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti u Petty Cash**

25.07.01 L-Iskeda tal-Pagamenti (Laqgħa 25) u l-Petty Cash tax-xahar ta' April ġew imressqa għall-approvazzjoni.

Dawn ġew approvati u ffirmati minn Anthea Sacco (Proponent), Karmenu Farrugia (Sekondant), mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25.08 Għeluq tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

25.08.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7.55pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 16 ta' Ġunju, fil-5.30pm.

David Michael Schembri

Sindku

Rachel Aquilina

Segretarju Eżekuttiv